# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 22 ta' Settembru 2020**

Appell numru 128 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Gaspare DELIA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-24 t'April 2019 fil-konfront ta' Gaspare DELIA detentur tal-karta tal-identità bin-numru 262967M fejn ġie mixli:

   Talli fis-17 t' April 2002 u f'dawn l-ahhar tliet xhur qabel din id-data, go Haz-Zabbar u partijiet ohra ta' dawn il-Gzejjer:

   A. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

B. Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkoltiva l-pjanta Cannabis u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

C. U nakkuzah ukoll talli kkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat il-Liġi senjatament l-Artikoli 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap 9 u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, semgħet ix-xhieda mressqa quddiemha u rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, stqarret is-segwenti:

'M'hemmx dubju illi nhar is-17 t'April 2002, fir-residenza tal-imputat instabu tliet pjanti tal-Cannabis, haxix imnixxef li wkoll jirrizulta li kien jikkontjeni s-sustanza *Tetrahydrocannabinol* u oggetti ohrajn relatati mad-droga, xi whud minnhom ukoll kontenenti tracci tal-imsemmija sustanza. Mir-relazzjoni ta' PC1525 Patrick Farrugia jirrizulta illi l-oggetti kollha relatati mad-droga, inkluz il-haxix imnixxef, instabu fil-kamra tal-imputat gewwa l-istess residenza, ghajr ghall-pakkett bil-haxix imnixxef, li skond PC1525, gie mghoddi lilu mill-Ispettur Josric Mifsud. Mill-atti tal-proces verbal tal-inkjesta jirrizulta illi l-imputat gie arrestat meta kien qieghed vicin il-*playing fields* ta' Haz-Zabbar u li fil-pussess tieghu nstabet sustanza suspettata cannabis. Biss la l-Ispettur Mifsud u wisq inqas il-pulizija li sabu l-pakkett fil-pussess tal-imputat ma xehdu f'dawn il-proceduri dwar din is-sejba. Effettivament, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni hija limitata ghal dak li nstab fir-residenza tal-imputat. Biss kif inghad izjed il'fuq, in kwantu ghajr ghall-pjanti, l-oggetti kollha gew elevati mill-kamra tal-imputat, il-Qorti m'ghandix dubju illi kemm l-istess oggetti, kif ukoll l-istess pjanti kienu jappartjenu lilu, kif m'ghandix dubju wkoll illi l-istess pjanti, in kwantu kienu mizrugha go qsari bil-hamrija u mizmuma fil-gnien tar-residenza u meqjus ukoll li fil-kamra tal-imputat instabu zewg zerriegha tal-cannabis, kienu qeghdin jigu kkultivati mill-istess imputat.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Gunju 1997, fl-ismijiet **Pulizija vs John Borg** :

*'Dwar x'jammonta ghal pussess ghal finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga' kellha l-opportunita' li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 t'Ottubru 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra etc) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certu cirkostanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrizulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita', li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P vs Charles Clifton, App Krim, 5 ta' Lulju 1982).*

Irid jinghad ukoll illi f'dan il-kaz u kif jirrizulta mit-trattazzjoni finali taghha, id-Difiza m'hijiex tikkontesta l-pussess tal-pjanti u tal-haxix (jew oggetti) in kwistjoni, izda biss il-pussess aggravat tal-istess ai termini tal-imputazzjoni (a). F'dan ir-rigward, id-Difiza taghmel referenza ghar-relazzjoni tal-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud, b'mod partikolari ghall-piz tal-pjanti u tal-haxix niexef misjub fil-pussess tal-imputat u ghall-fatt illi ma nstabux tracci ta' droga fuq ilp-mizien elevat mill-kamra tal-istess imputat. Il-Qorti tinnota illi mill-atti jirrizulta illi mill-kamra tal-imputat gew elevati wkoll zewg pipi, wahda mill-liema kienet tikkontjeni tracci tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* liema tracci nstabu wkoll f'loqma ta' sigarett li nstab f'dustbin imdendel barra l-istess kamra. Fil-kamra nstab ukoll pakkett tal-karti tal-brim. Dawn huma lkoll cirkostanzi li juru l-imputat kien jaghmel uzu mill-cannabis. Tqis ukoll in oltre l-piz tal-haxix niexef li nstab fil-pussess tal-imputat, id-daqs zghir tal-pjanti in kwisjtoni u l-piz tal-weraq taghhom, u illi kif tghid id-Difiza ,fuq il-mizien, ma nstabux tracci ta' droga, izda biss zewg zerrighat li ma kinux germinabbli. Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tqisx illi l-Prosekuzzjoni ressqet prova , fil-grad rikjest mill-ligi, illi l-pussess tad-droga kien wiehed aggravat ossia illi tali droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Ghaldaqstant, in kwantu l-imputazzjoni (a), il-Qorti qed issib lill-imputat hati biss tal-pussess (semplici) tal-pjanta tal-cannabis kollha jew bicca minnha, fil-waqt li tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet maghmula izjed il'fuq, qed issibu hati wkoll tal-imputazzjoni (b) ossia tal-kultivazzjoni tal-pjanta cannabis.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, l-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali aggornata tal-imputat, liema fedina penali tinkludi kundanni dwar ir-reati taht il-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Mlata, hsara involontarja u reat kontravvenzjonali, liema reati jirrisalu ghas-sena 2002 u dwar liema l-imputat gie kkundannat ghal pieni pekunjarji.

Qieset ukoll fir-rigward tax-xtieli misjuba fil-pussess tal-imputat, illi dawn kienu jammontaw ghal tlieta, kif jirrizulta car mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud u li tali xtieli kienu lkoll zghar, tant li l-weraq tal-ikbar xitla kellu piz ta' 1.518 grammi. Fix-xhieda tieghu, PC451 jirreferi ghal tliet xtieli u ghal izjed minn qasrija wahda u dan waqt li jaghmel referenza wkoll ghar-ritratti esebiti fl-atti. In oltre fir-relazzjoni tieghu, PC1525 ukoll jirreferi ghal tliet qsari kontenenti tliet pjanti mhawwla fil-hamrija. Il-Qorti tinnota wkoll illi biss biss, ir-ritratti Dok 02BAC 130 u 131 juru zewg pjanti differenti. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hija prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis ukoll ghal fini ta' piena, illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2002 u illi m'hemmx dubju illi fil-maggor parti tieghu d-dilungar f'dawn il-proceduri kien attribwibbli lill-Prosekuzzjoni, kif jirrizulta ampjament mill-atti processwali. Ic-citazzjoni odjerna giet intavolata fir-Registru ta' din il-Qorti f'Jannar 2004, il-kawza giet appuntata sabiex tibda' tinstema' f'Mejju 2005 u l-imputat baqa' ma giex notifikat sakemm f'Dicembru 2006, il-kawza thalliet sine die. F'Ottubru 2008, il-Prosekuzzjoni talbet li l-kawza terga' tigi appuntata, izda regghet thalliet sine die f'Jannar 2009. Kien biss fis-6 ta' Marzu 2013 wara li, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, l-Qorti regghet irriappuntat il-kawza illi l-imputat deher wara li gie notifikat ghall-ewwel darba. Fis-seduta ta' April 2013, l-Ufficjal Prosekutur ma deherx u s-smiegh tal-kawza beda f'Lulju 2013 sakemm finalment il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'Ottubru 2015.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi piena fil-minimu tkun wahda idonea.'

3. Wara li qieset dawn il-motivi dik il-Qorti sabet lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni tal-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* li nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu, iżda sabitu ħati biss tal-pussess 'sempliċi' tal-pjanta tal-*cannabis*, u sabitu wkoll ħati tal-imputazzjoni li kkoltiva l-pjanta *cannabis* u kkundannatu għall-piena ta' sitt xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (900 Euro), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet tiġi mħallsa mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar, b'dan illi jekk

il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jigi kkonvertit fi priġunerija skond il-liġi.

4. Illi minn din is-sentenza Gaspare DELIA interpona appell permezz ta′ rikors datat 29 t′ April 2019 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata billi tiġi kkonfermata f'dik il-parti fejn l-appellant ġie illiberat mill-ewwel imputazzjoni u tirriformaha wkoll in kwantu t-tieni imputazzjoni billi tapplika piena anqas ħarxa fiċ-ċirkostanzi u dan wara li saħaq is-segwenti: -

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe :-

1. Illi l-aggravju tal-esponenti huwa biss fuq il-piena u dana minhabba li fl-umli fehma tal-esponenti l-Ewwel Qorti qed taghti 'nterpretazzjoni skorretta' tal-artikolu 7 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jibda' biex jinghad li f'dan il-kaz huwa altru milli ovvju li l-esponenti ma kienx jimmerita piena ta' habs effettiv u li kienu jezistu l-ingredjenti kollha biex l-esponenti ma jigix moghti piena ta' prigunerija. Illi dan kien kaz li l-Pulizija damu jkarkru bih sbatax il-sena. L-esponenti ma kompliex fit-triq il-hazina u llum huwa ragel ta' certu eta' li baqa' ghaddej b'hajtu. Illi effettivament meta wiehed jara kemm instab cannabis jirrizultalu mix-xhieda tal-Ispizjar li hawn f'dan il-kaz si trattava ta' ftit grammi ta' haxixa mnixxef u ammont zghir hafna ta' grammi bhala piz tax-xtieli;

Illi ghalhekk indubjament l-esponenti inghata piena effettiva minhabba kif inghad dak li jipprovdi l-artikolu tal-Ligi kwutat iktar il'fuq. Illi jinghad mall-ewwel li verament li dina d-disposizzjoni ssemmi testwalment ic-cirkostanza ta' **pjanta wahda**, illi pero l-esponenti iqis li din ic-cirkostanza fir-reat hija konsegwenzjali ghall-element iehor li jigi l-ewwel bhala importanza u cioe dak tal-**ammont zghir**. Illi l-esponenti jqis b'rispett li meta ikun hemm ammonti zghar ta' haxixa, l-ammont ta' pjanti ghandu jkun immaterjali anki jekk ikun hemm izjed minn pjanta wahda. Illi dan ir-ragunament bir-rispett jirriavviza l-ovvju 'n kwantu l-logika u dana ghaliex indubjament il-Legislatur ried jikkontrolla l-ammont u mhux in-numru. Illi l-esponenti iqis b'rispett li l-kwistjoni ta' 'pjanta wahda' ghandha tinghata konsiderazzjoni mill-Qrati meta l-ammont misjub ma jkunx 'ammont zghir';

Illi fid-dinja ta' llum u b'mod iktar iffokat fis-sistema taghna jidher li sar evolviment kbir fil-Ligijiet li jikkontrollaw is-sustanzi llegali. Fil-

generalita' t-tibdil sar biex jghin nies li bhall-esponenti kellhom problema t'abbuz ta' sustanzi, f'dan il-kaz haxixa. Huwa ghalhekk f'dana l-ambjent favorevoli li ghandha tinghata interpretazzjoni ftit wiesa' ghal dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kap 537. Ikun inutli l-hafna diskors ta' ghajnuna lil min kellu problema u hareg minnha jekk ghaliex sempliciment jinstabu tliet pjanti b'piz totali ta' 2.4 grammi ninterpretaw b'mod ristrett id-disposizzjoni tal-Ligi 'n kwistjoni u nitfghu n-nies il-habs. Inoltre jinghad ukoll li bid-dovut rispett l-interpretazzjoni li qed taghti l-Ewwel Qorti ghal dana l-artikolu tal-Ligi ftit li xejn jaghmel sens. Jinghad li allura potenzjalment il-Qrati taghna ser ikollhom ma' jikkundannawx habs effettiv lil persuni li fuqhom jinstab ammont konsiderevoli ta' 'hard drug' (kokaina, eroina, ecstacy etc) ghaliex llum bl-emendi li saru dana t-trattament huwa permissibli , izda persuna li bhal l-esponenti jinstabilhom 2.4 grammi ta' xtieli jkollhom bilfors jigu kkundannati habs effettiv ! Illi ma hemmx dubju li '*at best*' dana r-ragunament m'huwiex gust;

***Ikkunsidrat:***

5. Illi nhar is-17 ta' April 2002 il-Pulizija kellhom struzzjonijiet sabiex imorru jikkonduċu tfittxija fil-fond bl-indirizz 'Saverio', Triq Felice, Ħaż-Żabbar. Kif marru hemmhekk sabu lill-appellant u filwaqt illi kienu qed jikkonduċu din it-tfittxija fil-bitħa tal-istess residenza, instabu tliet pjanti suspettati *cannabis*, apparti li nstabu wkoll oġġetti oħra relatati mal-konsum tad-droga. Konsegwentement wara li l-esperti maħtura kkonfermaw illi dawn is-sustanzi kienu filfatt jikkonsistu mis-sustanza illeċita *cannabis*, inħarġu l-akkużi kontra tiegħu fejn wara li nstemgħu il-provi kontra tiegħu il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati ta' pussess sempliċi (minflok dak aggravat) u tal-kultivazzjoni filwaqt illi astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni peress illi din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

*Ikkunsidrat:*

6. Illi matul is-smiegħ ta' dan l-appell, speċifikament matul is-seduta datata l-14 ta' Jannar 2020, l-appellant kif debitament irrappreżentat, issollevat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dan kemm fid-dawl tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif ukoll fid-dawl tal-kontenut tal-verbal a folio 20 fl-atti proċesswali fejn jidher illi l-appellant, allavolja preżenti għal dik is-seduta, qatt ma kien ġie uffiċjalment notifikat mill-Pulizija Eżekuttiva.

7. Effettivament mill-atti jirriżulta illi l-każ tressaq kontra l-appellant fis-16 ta' Jannar 2004 u ċioe kważi sentejn wara d-data tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant. Sussegwentement wara diversi tentattivi ta' notifika, matul is-seduta datata 1 ta' Diċembru 2006, il-Pulizija nfurmaw lill-Qorti illi l-appellant kien telaq mill-pajjiż, fejn konsegwentement il-każ ġie differit *sine die*.

8. Nhar is-27 ta' Ottubru 2008, il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tirriappunta s-smiegħ tal-każ in kwistjoni fejn għal darb'oħra, nhar it-30 ta' Jannar 2009 il-każ reġa ġie differit *sine die* minħabba l-fatt illi l-appellant kien imsiefer u ma kienx magħruf meta ser jerġa lura Malta. Il-kawża reġgħet ġiet riappuntata fis-6 ta' Marzu 2013 fejn l-appellant deher fl-awla, matul liema seduta hu ġie uffiċjalment notifikat seduta stante u l-każ ipproċeda kontra tiegħu minn hemmhekk il-quddiem.

9. Illi r-reati punibbli kontra l-appellant huma punibbli ai termini tal-artikolu 22(b) tal-Kapitolu 101 fejn ir-reat tal-kultivazzjoni taħt l-artikolu 8(c) tal-istess Ordinanza huwa punibbli skont is-subparagrafu (i) tal-artikolu 22(b) ħlief meta l-Qorti tkun sodisfatta illi l-koltivazzjoni kienet intiża għall-użu esklussiv tal-ħati, f'liema eventwalita' allura l-piena applikabbli hija dik taħt is-subparagrafu (ii) tal-istess disposizzjoni. Il-parametri tal-piena taħt is-subparagrafu (i) huwa ta' bejn sitt xhur u għaxar snin priġunerija filwaqt illi dik taħt is-subparagrafu (ii) huwa ta' bejn tlett xhur u sena priġunerija u dan apparti l-multa illi hija mandatorja fiċ-ċirkostanzi u li tvarja fil-kwantum bejn is-subparagrafi (i) u (ii) tal-imsemmija disposizzjoni.

10. L-artikolu 689 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk :

> Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.

11. Illi din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Omissis*** tal-25 ta' Settembru 2018 għamlet dawn is-segwenti konsiderazzjonijiet : -

> Il-Qorti rat ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fl-**ismijiet Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Michael Vella**[25] fejn ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija kontra Paul Vella**[26].
>
> Illi l-Qorti ikkunsidrat b'mod specjali dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha u tikkwota testwalment: *"Meta si tratta ta' komputazzjoni ta' preskrizzjoni sabiex jigi stmat kemm hu z-*

*zmien preskrizzjonali wiehed ghandu jara l-akkuza kif dedotta u minn hemm hekk wiehed jikkalkola dan iz-zmien u mhux jikkalkola z-zmien skond ir-rizultanzi fuq il-meritu, aktar u aktar meta s-sentenza fil-fatt, fil-kaz in ezami, ma kkunsidratx il-provi fil-meritu, izda laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin in bazi tal-akkuzi.*

*Ghal dak li jikkoncerna z-zmien preskrizzjonali fil-kaz odjern, dan jigi kalkolat mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi skont l-akkuza."*

12."*L-akkuża kif dedotta*", a differenza tal-imputazzjonijiet li rriżultaw mill-provi u li tagħhom l-appellant kien ġie misjub ħati, hija indikata fil-komparixxi u ċjoe (a) pussess tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* mhux għall-użu esklussiv tal-imputat u (b) koltivazzjoni tal-pjanta *cannabis*. Kif intqal dawn ir-reat kif dedotti kienu jġorru l-piena ta' bejn sitt xhur u għaxar snin priġunerija. Dawn huma l-parametri tal-piena li għalihom ir-reat kif dedott kien ordinarjament soġġett. Fil-kalkolu tal-perjodu preskrittiv, irid jittieħed kont tal-massimu tal-piena indikata fil-parametri tal-piena li għaliha r-reat kif dedott kien ordinarjament soġġett.

13.Skont l-artikolu 688(b) tal-Kodiċi Kriminali : -

> Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni -
> (b) bl-egħluq ta' ħmistax-il sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin;

14.Inoltre l-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali jaqra kif ġej:

> Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża.

15. Apparti dan, l-artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta l-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni, jgħid is-segwenti:

> 693.(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat.
>
> (2) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat tal-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta.
>
> (3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur.
>
> (4) Il-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat, għalkemm l-att li bih tkun ġiet miksural-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss.

16. Jirriżulta li r-reati kontestati allegatament ġew kommessi nhar is-17 t'April 2002 u fl-aħħar tliet xhur qabel dik id-data. Iċ-ċitazzjoni kienet ġiet preżentata l-Qorti fis-16 ta' Jannar 2004. Il-proċedura baqgħet għaddejja sal-1 ta' Diċembru 2006 fejn hemmhekk l-azzjoni ġiet differita *sine die* peress illi l-appellant kien imsiefer u b'hekk ma setax jiġi notifikat.

17. Il-każ kien reġa' ġie riappuntat mill-Qorti tal-Maġistrati fuq talba tal-Prosekuzzjoni nhar s-27 ta' Ottubru 2008. Iżda matul is-seduta tat-30 ta' Jannar 2009, il-Prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li l-imputat kien imsiefer u kien jaħdem barra minn Malta u l-Prosekuzzjoni ma kienetx taf meta huwa kien ġej lura Malta. B'hekk il-Qorti kienet reġgħet iddiferiet il-proċedura *sine die* fit-30 ta' Jannar 2009.

18. Il-każ reġa ġie riappuntat fis-6 ta' Marzu 2013 fejn minn hemmhekk il-quddiem, eċċetto s-seduta tad-19 t'April 2013, il-każ baqa' għaddej sakemm finalment ġie deċiż. Fil-fatt l-appellant kien ġie notifikat biċ-ċitazzjoni kif korretta seduta stante nhar it-3 ta' Lulju 2013 – kważi ħdax il-sena u tliet xhur wara.

19. Allura minn dak hawn fuq stabbilit huwa ċar illi l-azzjoni kontra l-appellant mhix preskritta.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad il-preġudizzjali tal-preskrizzjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawża quddiemha.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***